# Is-Siġġiewi u l-madwar

*Dr. Mark Said*

Meta wieħed iħares lejn il-wirt storiku tar-raħal tas-Siġġiewi l-ħsieb tiegħu imur lura lejn dawk iż-żminijiet meta fir-raħal kien hemm biss ftit abitanti li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom mir-raba' tal-madwar u sajjieda li kienu joħorġu bid-dgħajjes tagħhom mill-inħawi ta' Għar Lapsi.

Matul is-snin tal-istorja tar-raħal dawn in-nies ħasbu biex jibnu numru ta' djar sbieħ li ħafna minnhom illum qegħdin jiġu mfittxija minn nies li qegħdin jiġu jgħixu fir-raħal.

Bnew ukoll bl-għaraq ta' ġbinhom u bl-għajnuna ta' benefatturi oħrajn kappelli żgħar fil-limiti tar-raħal kif ukoll tempju sabiħ iddedikat lill-qaddis patrun tar-raħal San Nikola li jiddomina l-pjazza enormi li huwa magħruf għaliha dan ir-raħal.

Il-bini ta' dawn il-knejjes ma sarx b'kumbinazzjoni. Dawn ġew mibnija għaliex il-ħajja tan-nies dak iż-żmien kienet mqanqla b'devozzjoni lejn il-Verġni Marija u Qaddisin oħrajn.

Meta tqegħdet l-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida nhar id-19 ta' April 1675 bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Dumink Farrugia l-poplu tar-raħal kien lest biex jagħmel is-sagriffiċji meħtieġa biex din il-Knisja tinbena għalkemm diġà kien hemm knisja oħra taqdi l-bżonnijiet spiritwali tan-nies.

Kien hemm ukoll diġà l-knisja tal-Lunzjata fuq l-għolja fejn illum hemm is-salib li tant huwa magħruf għalih ir-raħal tas-Siġġiewi. Din il-Knisja l-ewwel darba li nbniet kien fis-sena 1420 u nbniet mill-ġdid fis-sena 1694 bil-ħidma ta' Dun Franġisk Abela.

Knisja oħra fost l-oħrajn li kienet diġà nbniet hija dik ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq. Din inbniet għal l-ewwel darba lejn in-nofs is-seklu ħmistax. Inbniet mill-ġdid fis-sena 1596.

Fil-limiti tar-raħal hemm ukoll il-kappella ta' San Blaġju minbnija l-ewwel darba fis-sena 1430. Inbniet mill-ġdid fis-sena 1692 mill-Kan. Anton Manso u llum hija ġuspatronat tal-Katidral tal-Imdina.

Maż-żmien sfortunatament kien hemm knejjes żgħar li ma baqawx jeżistu bħal ma ġara fil-każ tal-knisja ta' San Lawrenz u l-knisja li kienet iddedikata lil San Ġorġ.
Żewġ knejjes oħrajn li jinsabu fl-inħawi tal-Fawwara huma dik tal-Lunzjata u l-oħra tal-Madonna tal-Karmnu li hija tal-Konfraternita' tal-Madonna tal-Karità li hemm fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Il-Knisja tal-Lunzjata kienet ġiet mibnija minn ċertu Ġann Pawl Cassar fis-sena 1619 u wara li kienet ġiet ipprofonata ħadet ħsieb tibniha mill-ġdid bil-flus tagħha, Marija Sciberras, fl-1708.

Il-kappella tal-Madonna tal-Karmnu ġiet mibnija l-ewwel darba fis-sena 1616 bil-flus ta' Ġlorma Ciantar, iżda mbagħad meta din għaddiet f'idejn il-Konfraternita tal-Madonna tal-Karità ġiet mibnija mill-ġdid fis-sena 1669. Biswit din il-knisja hemm dar żgħira li tintuża għal-laqħgat tat-talb u xi rtiri mill-kappillani.

Dawn il-knejjes mifruxin fil-limiti ta' dan ir-raħal m'humiex biss eżempju ta' devozzjoni lejn il-qaddisin min-nies ta' dan ir-Raħal tas-Siġġiewi. Iżda huma wkoll xhieda ta' determinazzjoni mqanqla minn bżulija liema bħala.

Dan għadu jkun ta' eżempju għas-Siġġiwin tal-lum.

GRAZZI MILL-QALB U NAWGURAW LI
NIĊĊELEBRAW FLIMKIEN B'SUĊĊESS
IL-FESTA TAGĦNA LKOLL IS-SIĠĠIWIN
TAL-QADDIS PADRUN TAGĦNA

**SAN NIKOLA!**